VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,804, 9 ta' Settembru, 2011
Taqsima B

A.L.362 tal-2011

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2011 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master in Probation Services taħt il-patroċinju tal-Istitut tal-Kriminoloġija

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Istitut tal-Kriminoloġija bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 5 (b) (v) tal-Istatut għall-Istitut u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta:

It-Titolu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2011 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master in Probation Services taħt il-patroċinju tal-Istitut tal-Kriminoloġija.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor –

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Istitut tal-Kriminoloġija;

"il-Bord tal-Istudji" tfisser il-Bord tal-Istudji maħtur mis-Senat għall-Kors, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Istitut tal-Kriminoloġija;

"il-Grad" tfisser il-grad tal-Master in Probation Services;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-Grad ta' Master in Probation Services;

"il-Postgraduate Diploma" tfisser il-Postgraduate Diploma in Probation Services; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2011 jew wara.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. (1) Il-Kors huwa miftuħ għal applikanti li għandhom:

(a) grad ta' Bachelor miksub mill-anqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri minn din l-Università f'qasam ta' studju li l-Bord iqis rilevanti; jew

(b) grad ta' Bachelor miksub mill-anqas f'Kategorija II minn din l-Università f'qasam ta' studju li l-Bord iqis rilevanti; jew

(ċ) grad ta' Bachelor minn università oħra rikonoxxuta mis-Senat komparabbli għall-kwalifiki indikati fil-paragrafi (a) u (b) ta' dan l-ordinament.

(2) Id-dħul tal-applikanti skont il-paragrafu (1) ta' dan l-ordinament għandu jkun jiddependi mir-riżultat ta' intervista mmexxija minn bord tal-intervisti maħtur għal dan il-għan.

(3) L-applikanti li għandhom id-Diploma in Probation Services jew il-Postgraduate Diploma in Probation Services jistgħu jitħallew jidħlu fit-Tieni Parti tal-Kors, jekk ikunu temmew b'suċċess il-programm tad-Diploma jew tal-Postgraduate Diploma b'marka medja minima ta' 50%,
sakemm li dawn l-applikanti ikunu ssodisfaw lill-Bord tal-Istudji li huma għandhom l-għarfien akkademiku meħtieġ biex isegwu l-Kors bi profitt. L-eliġibilità ta' dawn l-applikanti għandha tkun deċiża mill-Bord tal-Istudji wara intervista mmexxija minn bord tal-intervisti maħtur għal dan il-għan.

(4) Il-bord tal-intervisti maħtur mill-Bord għandu jkun magħmul minn tliet membri.

It-Tul tal-Kors

4. Il-Kors għandu jinfirex fuq perijodu ta' tliet semestri ta' studju fuq bażi *full-time* jew l-ekwivalenti fuq bażi *part-time*.

Il-Programm ta' Studju

5. (1) Il-programm ta' studju għandu jikkonsisti f'żewġ partijiet, jiġifieri:

(a) L-Ewwel Parti li tikkonsisti minn għadd ta' taqsimiet studju mgħallma li għalihom hemm assenjati 60 krettu; u

(b) It-Tieni Parti li tikkonsisti minn xogħol ta' riċerka u dissertazzjoni li għalihom hemm assenjati 30 kredtu.

6. L-istudenti li jiksbu s-60 krettu assenjati għat-taqsimiet studju mgħallma offruti fl-Ewwel Parti tal-Kors, b'marka medja ta' mill-anqas 50% u ma jkomplux il-Kors, jew wara li komplew ma jkunux spiċċaw id-dissertazzjoni b'suċċess, jkunu eliġibbli għall-għoti tal-Postgraduate Diploma.

7. Il-programm ta' studju għandu jkun ippubblikat mill-Bord mhux aktar tard minn tmien xhur qabel il-bidu tal-Kors, wara l-approvazzjoni tas-Senat.

Il-Valutazzjoni u l-Progress

8. (1) Il-valutazzjoni ta' kull taqsima studju mgħallma għandha tkun kompluta sal-aħħar tas-semestru li fih ikun sar it-tagħlim tat-taqsima studju.

(2) Dawk l-istudenti li f'xi sena akkademika jeħlu fil-valutazzjoni ta' mhux aktar minn 20 krettu għal taqsimiet studju mgħallma, jekk qegħdin isegwu l-Kors fuq bażi *full-time*, jew mhux aktar minn 10 kretti jekk qegħdin isegwu l-Kors fuq bażi *part-time*, jingħataw l-opportunità li joqogħdu għall-valutazzjoni mill-ġdid fil-valutazzjonijiet li weħlu minnhom fis-sessjoni tal-eżamijiet ta' Settembru.

(3) L-istudenti li jeħlu f'aktar mill-għadd ta' kretti permess skont il-paragrafu (2) ta' dan l-ordinament, jew l-istudenti li wara valutazzjoni mill-ġdid ma jiksbux il-kretti għal xi taqsima studju, jkunu meqjusa li weħlu mill-Kors.

Id-Dissertazzjoni

9. (1) L-istudenti huma meħtieġa jippreżentaw dissertazzjoni individwali ta' mhux anqas minn 25,000 kelma skont il-linji gwida maħruġin mill-Bord tal-Istudji.

(2) Ix-xogħol fuq id-dissertazzjoni għandu jsir wara l-approvazzjoni tal-proposta. Kull student ikun assenjat superviżur li għandu jipprovdi gwida u pariri fuq bażi regolari waqt il-perijodu ta' studju.

(3) It-titolu tad-dissertazzjoni u l-proposta tar-riċerka li tiddiskrivi l-proġett propost u l-mistoqsijiet ewlenin li għandhom jiġu indirizzati għandhom ikunu sottomessi lill-Bord tal-Istudji għall-approvazzjoni fiż-żmien tas-sejħa tal-applikazzjonijiet.

10. (1) L-istudenti jkunu meħtieġa jżommu kuntatt regolari mas-superviżur tagħhom.

(2) Is-superviżuri għandhom jibgħatu lill-Bord tal-Istudji, fl-aħħar ta' kull semestru ta' studji, rapporti dwar il-progress tal-istudenti taħt is-superviżjoni tagħhom, kemm jekk l-istudent qiegħed isegwi l-Kors fuq bażi *full-time* kif ukoll fuq bażi *part-time*. Dawn ir-rapporti jistgħu jinkludu rakkomandazzjoni li jew (a)

jittawwal il-perijodu ta' studju biex l-istudent ikun jista' jtemm id-dissertazzjoni; jew (b) jintemmu l-istudji qabel il-waqt jekk is-superviżur jidhirlu li dan huwa xieraq fiċ-ċirkostanzi, sakemm li:

(i) l-estensjoni tal-perijodu ta' studju msemmija f'(a) tkun skont il-provvedimenti tar-Regolamenti Prinċipali; u

(ii) il-Bord ma jistax itemm l-istudji qabel il-waqt skont (b) jekk qabel ma jkunx ta opportunità lill-istudent biex jiddefendi l-każ tiegħu.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximenti

11. Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-iskop tal-klassifikazzjoni tal-Postgraduate Diploma u tal-Grad għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fil-komponenti kollha tal-programm ta' studju, bil-kretti kollha jingħataw piż indaqs.

Il-Provvedimenti Speċjali għall-Korsijiet fuq Bażi *Part-Time*

12. Il-provvedimenti tal-ordinamenti preċedenti għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-korsijiet li jsiru fuq bażi *part-time,* u suġġett għal dawk it-tibdiliet li jistgħu raġonevolment jitqiesu mill-Bord bħala neċessarji minħabba n-natura *part-time* tal-Kors.

It-Tħassir

13. L-Ordinamenti tal-2008 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Postgraduate Diploma in Probation Sevices taħt il-patroċinju ta' l-Institute of Forensic Studies, ippubblikati bħala Avviż Legali Nru. 324 tal-2008, għandhom jitqiesu li spiċċaw mill-1 ta' Ottubru 2011, iżda l-istudenti rreġistrati għal dan il-kors qabel l-1 ta' Ottubru 2011 għandhom ikomplu jkunu regolati mir-regolamenti li kienu jgħoddu fiż-żmien meta bdew il-kors.